MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1984/2003

**Mirage Holdings Limited**
**Vs**

**Neville Cassar**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm320 (tlett mija u ghoxrin lira Maltin) dovuti ghal tnax(12) il-kambjala li skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fil-11 ta' Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fl-5 ta' Lulju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------